31994R3168



# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 3168/94
## ta' l-21 ta' Diċembru 1994
## li jistabbilixxi fil-qasam ta' l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi mhux koperti bi ftehim bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra jew b'regoli ta' importazzjoni speċifiċi tal-Komunità liċenza ta' importazzjoni tal-Kominità u li jemenda ċerti disposizzjonijiet tar-Regolament

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi li mhumiex koperti bi trattati bilaterali, protokolli jew arranġamenti oħra jew b'regoli oħra ta' importazzjoni speċifiċi tal-Komunità [1], kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 2798/94 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,

Billi, bħala riżultat tal-ħolqien tas-suq intern, hu xieraq li l-forom differenti, li sal-lum kienu wżati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membru fil-qasam tat-tessuti u l-ħwejjeġ sabiex jawtorizzaw l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti soġġetti għal-limiti kwantitattivi, skond ir-Regolament (KE) Nru 517/94, ikunu sostitwiti b'dokument wieħed li jista' jintuża fit-territorju doganali tal-Komunità, ikun min ikun l-Istat Membru li joħroġhom, jew in-nazzjonalità jew id-domiċilju ta' l-operatur ikkonċernat;

Billi għal dan il-għan hu neċessarju li tkun ikkreata liċenza ta' importazzjoni tal-Komunità li tkun imfassla mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fuq formula komuni li tilħaq kriterji uniformi, sabiex tispeċifika liema informazzjoni dak id-dokument, u l-applikazzjoni għal dak id-dokument, għandu jkun fihom u li temenda jew ittemm ċerti disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 517/94;

Billi sabiex tkun iffaċilitata l-introduzzjoni ta' dik il-liċenza ta' importazzjoni tal-Komunità fl-Istati Membri kollha, jidher xieraq li l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jkunu awtorizzati, matul perjodu ta' transizzjoni li jagħlaq mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1995, li jibqgħu joħorġu l-formoli nazzjonali li kienu fl-użu qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex jinħarġu l-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni u dokumenti ta' sorveljanza, sakemm l-applikant, fiż-żmien ta' din l-applikazzjoni, ma jkunx talab il-ħruġ ta' liċenza ta' importazzjoni tal-Komunità;

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tessuti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Regolament (KE) Nru 517/94 qiegħed b'dan ikun emendat kif ġej:

1. is-subparagrafu li ġej hu miżjud ma' l-Artikolu 18(1):

   "L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandu jkun fiha:

   (a) l-isem ta' l-applikant u l-indirizz sħiħ (inklużi, jekk ikun il-każ, numri tat-telefon u fax, u numru ta' identifikazzjoni rreġistrat ma' l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali), u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-VAT, jekk tkun persuna li tħallas il-VAT;

   (b) l-isem u l-indirizz sħiħ tad-dikjarant;

   (ċ) l-isem u l-indirizz sħiħ ta' min x'aktarx se jesporta;

   (d) il-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti u l-pajjiż destinat li jirċievi l-kunsinna;

   (e) deskrizzjoni tal-prodotti li tinkludi:

   — deskrizzjoni kummerċjali tagħhom,

   — deskrizzjoni tal-prodotti u l-kodiċi ta' nomenklatura magħquda (CN).

   (f) il-kategorija xierqa u l-kwantità fl-unità xierqa kif indikat fl-Annessi III B u IV għall-prodotti involuti;

   (g) il-valur tal-prodotti;

   (h) kull kodiċi intern użat għal finijiet amministrattivi, bħal kodiċi Tarik;

   (i) data u firma ta' l-applikant."

2. L-Artikolu 19(1) hu mibdul bit-test li ġej:

   "1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol min-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni jew fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-Kummissjoni. Il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni u estratti tagħhom għandhom isiru skond il-kondizzjonijiet u r-regoli dettaljati stabbiliti fl-Anness VIII.";

3. l-Anness għar-Regolament preżenti hu miżjud bħala l-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 517/94.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 67, ta' l-10.3.1994, p. 1.
[2] ĠU L 297, tat-18.11.1994, p. 6.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1994.

*Għall-Kummissjoni*

Leon BRITTAN

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"ANNESS VIII*

*Artikolu 1*

**Liċenza ta' importazzjoni tal-Komunità - formola komuni**

1. Il-formoli li għandhom ikunu wżati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri elenkati fl-Appendiċi 2 għall-Anness preżenti sabiex jinħarġu l-awtorizzazzjonijiet għall-importazzjoni għandhom ikunu konformi mal-kampjun tal-liċenza ta' importazzjoni murija fl-Appendiċi 1.
2. Il-formoli tal-liċenzi ta' importazzjoni u estratti tagħhom għandhom jimtlew doppji, kopja, immarkata 'Kopja tal-liċenzat' u li ġġib in-numru 1 għandha tinħareġ lill-applikant, u l-oħra, immarkata 'Kopja għall-awtorità li toħroġ il-liċenza' u li ġġib in-numru 2, għandha tinżamm mill-awtorità li toħroġ il-liċenza. Għal finijiet amministrattivi l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżidu kopji addizzjonali għall-formola 2.
3. Il-formoli għandhom ikunu stampati fuq karta bajda li ma jkollha l-ebda polpa mekkanika, imħejjija biex issir kitba fuqha u tiżen bejn 55 u 66 gramm kull metru kwadru. Id-daqs tagħhom għandu jkun ta' 210 × 297 mm; bi spazju bejn linja u oħra ta' 4,24 mm (wieħed minn sitta ta' pulzier); il-format tal-formoli għandu jkun segwit bi preċiżjoni. Iż-żewġ naħat ta' kopja Nru 1, li hi l-liċenza nnifisha, għandu jkollha wkoll stampat bl-aħmar disinn ta' *guilloche* fl-isfond sabiex tkun svelata kull falsifikazzjoni permezz ta' mezzi mekkaniċi jew kimiċi.
4. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli li jistampaw il-formoli. Il-formoli jistgħu wkoll ikunu stampati minn stampaturi li jkunu maħtura mill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti. Fil-każ ta' l-aħħar, referenza għall-ħatra mill-Istat Membru għandha tidher fuq kull formola. Kull formola għandu jkollha indikazzjoni ta' l-isem u l-indirizz ta' l-istampatur jew marka li tagħmel possibbli l-identifikazzjoni ta' l-istampatur.
5. Meta jkunu maħruġa l-liċenzi ta' l-importazzjoni jew l-estratti għandhom jingħataw numru tal-ħarġa li jkun allokat mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat kif ġej:

   — żewġ ittri li jidentifikaw il-pajjiż esportatur:

   | | |
   |---|---|
   | – Ċina | = CN |
   | – Il-Korea ta' Fuq | = KP |
   | – Il-Kroazja | = HR |
   | – Il-Bożnja | = BA |
   | – FYROM | = XJ |

   — żewġ ittri li jidentifikaw l-Istat Membru li lilu ssir id-dikjarazzjoni jew it-talba għall-awtorizzazzjoni ta' importazzjoni:

   | | |
   |---|---|
   | – AT | = L-Awstrija (1) |
   | – BL | = Benelux |
   | – DE | = Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja |
   | – DK | = Id-Danimarka |
   | – EL | = Il-Greċja |
   | – ES | = Spanja |
   | – FI | = Il-Finlandja (2) |
   | – FR | = Franza |
   | – GB | = Ir-Renju Unit |
   | – IE | = l-Irlanda |
   | – IT | = l-Italja |
   | – PT | = Il-Portugall |
   | – SE | = L-Isvezja (3), |

   — numru b' *digit* wieħed li jidentifika s-sena ta' kwota jew is-sena li fiha l-esportazzjonijiet kienu rrekordjati, li jikkorispondi ma' l-aħħar ċifra fis-sena involuta, eż. '5' għall-'1995',

   — numru b'seba' *digits* li jsegwi b'mod konsekuttiv minn 0000001 sa 9999999 li jkun allokat lill-Istat Membru speċifiku li lilu ssir id-dikjarazzjoni jew talba għall-awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni. Għall-Benelux hu allokat numru b'seba' *digits*.
6. Liċenzi u estratti għandhom jimtlew bil-lingwi uffiċjali, jew waħda mil-lingwi uffiċjali, ta' l-Istat Membru li joħroġhom.
7. Fil-kaxxa12 l-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw il-kategorija tat-tessuti li tkun xierqa.

(1) B'riserva għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar is-shubija tar-Repubblika ta' l-Awstrija fl-Unjoni Ewropea.

(2) B'riserva għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar is-shubija tar-Repubblika tal-Finlandja fl-Unjoni Ewropea.

(3) B'riserva għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar is-shubija tar-Renju ta' l-Isvezja fl-Unjoni Ewropea.

8. Il-marki ta' l-aġenziji li jawtorizzaw u ta' l-awtoritajiet li jirċievu għandhom jintgħamlu permezz ta' bolla. Madankollu, il-bolla ta' l-awtorità li toħroġ il-permess tista' tkun sostitwita permezz ta' *embossing press* li jikkombina ittri jew ċifri li jsiru permezz ta' titqib, jew stampar fuq il-liċenza. L-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzi għandhom jużaw kull metodu li ma jistax ikun imbagħbas biex jirreġistraw il-kwantità allokata b'tali mod li jagħmluha impossibbli li jkunu inseriti ċifri jew referenzi (eż. ECU 1 000).

9. In-naħa ta' wara ta' kopja Nru 1 u ta' kopja Nru 2 għandu jkollha kaxxa li fiha jistgħu jkunu inseriti kwantitajiet, jew mill-awtoritajiet doganali meta jkunu konklużi l-formalitajiet ta' importazzjoni, jew mill-awtoritajiet kompetenti amministrattivi meta jinħareġ estratt.

   Jekk l-ispazju allokat għad-debiti fuq liċenza jew estratt tagħha ma jkunx biżżejjed, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jehmżu paġna addizzjonali jew iżjed li jkollhom kaxex li jaqblu ma' dawk ta' fuq in-naħa ta' wara ta' kopja Nru 1 u ta' kopja Nru 2 tal-liċenza jew estratt bl-awtorizzazzjonijiet kif speċifikati fil-paragrafu 7.

10. Il-liċenzi ta' importazzjoni u l-estratti maħruġa, u l-kitbiet u t-tehmiżiet magħmula, mill-awrtoritajiet ta' Stat Membru wieħed għandu jkollhom l-istess effett legali f'kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra daqs dokumenti maħruġa, u kitbiet u tehmiżiet magħmula, mill-awtoritajiet ta' dawk l-Istati Membri.

11. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati jistgħu, meta jkun neċessarju jitolbu li l-kontenut tal-liċenza jew estratti jiġu tradotti fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru.

*Artikolu 2*

**Disposizzjonijiet transitorji**

Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1, għal perjodu transitorju li jagħlaq mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1995 u sakemm l-applikant, fil-ħin ta' l-applikazzjoni tiegħu ma jkunx talab li tinħareġ liċenza ta' importazzjoni tal-Komunità jikkonforma mal-kampjun li jinsab fl-Appendiċi 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jkunu awtorizzati li jużaw il-formoli nazzjonali tagħhom biex joħorġu l-awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni u kull estratt minnhom.

*Appendiċi 1*

**EUROPEAN COMMUNITY** **IMPORT LICENCE**

**1**

**Holder's copy**

**1**

1. Consignee (name, full address country, VAT number)

2. Issue number

3. Quota period

4. Authority responsible for issue
(name, address and telephone No)

5. Declarant/representative as applicable
(name and full address)

6. Country of origin
(and geonomenclature code)

7. Country of consignment
(and geonomenclature code)

8. Last day of validity

9. Description of goods

10. CN code

11. Quantity expressed in quota unit

12. Security/guarantee (as applicable)

13. Further particulars

14. Competent authority's endorsement

Date:

Signature: Stamp

| 15. ATTRIBUTIONS<br>Indicate the quantity available in part 1 of column 17 and the quanityt attributed in part 2 thereof | | | |
|---|---|---|---|
| 16. Net quantity (net mass or other unit of measure stating the unit) | | 19. Customs document (form and number) or extract No and date of attribution | 20. Name, Member State, stamp and signature of the attributing authority |
| 17. In figures | 18. In words for the quantity attributed | | |
| 1 | | | |
| 2 | | | |
| 1 | | | |
| 2 | | | |
| 1 | | | |
| 2 | | | |
| 1 | | | |
| 2 | | | |
| 1 | | | |
| 2 | | | |
| 1 | | | |
| 2 | | | |
| 1 | | | |
| 2 | | | |

Extension pages to be attatched hereto.

**EUROPEAN COMMUNITY** **IMPORT LICENCE**

**2**

**Copy for the issuing authority**

**2**

1. Consignee (name, full address country, VAT number)

2. Issue number

3. Quota period

4. Authority responsible for issue
(name, address and telephone No)

5. Declarant/representative as applicable
(name and full address)

6. Country of origin
(and geonomenclature code)

7. Country of consignment
(and geonomenclature code)

8. Last day of validity

9. Description of goods

10. CN code

11. Quantity expressed in quota unit

12. Security/guarantee (as applicable)

13. Further particulars

14. Competent authority's endorsement

Date:

Signature: Stamp

| 15. ATTRIBUTIONS<br>Indicate the quantity available in part 1 of column 17 and the quanityt attributed in part 2 thereof | | | |
|---|---|---|---|
| 16. Net quantity (net mass or other unit of measure stating the unit) | | 19. Customs document (form and number) or extract No and date of attribution | 20. Name, Member State, stamp and signature of the attributing authority |
| 17. In figures | 18. In words for the quantity attributed | | |
| 1 | | | |
| 2 | | | |
| 1 | | | |
| 2 | | | |
| 1 | | | |
| 2 | | | |
| 1 | | | |
| 2 | | | |
| 1 | | | |
| 2 | | | |
| 1 | | | |
| 2 | | | |
| 1 | | | |
| 2 | | | |

Extension pages to be attatched hereto.

*Appendiċi 2*

**Lista de las autoridades nacionales competentes**
**Liste des autorités nationales compétentes**
**List of the national competent authorities**
**Liste der zuständigen Behörden der Mitgliedstaaten**
**Elenco delle competenti autorità nazionali**
**Πίνακας των αρμόδιων εθνικών αρχών**
**Lista das autoridades nacionais competentes**
**Lijst van bevoegde nationale instanties**
**Liste over kompetente nationale myndigheder**

1. *Il-Belġju*
Ministère des affaires économiques/Ministerie van Economische Zaken
Office central des contingents et licences/Centrale Dienst voor Contingenten en Vergunningen
Rue J.A. De Motstraat 24-26
B-1040 Bruxelles/Brussel
Tél.: (32 2) 233 61 11
Télécopieur: (32 2) 230 83 22

2. *Id-Danimarka*
Erhvervsfremme Styrelsen
Soendergade 25
DK-8600 Silkeborg
Tlf.: (45 87) 20 40 60
Fax (45 87) 20 40 77

3. *Il-Ġermanja*
Bundesamt fuer Wirtschaft
Frankfurterstrasse 29-31
D-65760 Eschborn
Tel.: (49 61 96) 404-0
Fax (49 61 96) 40 48 50

4. *Il-Greċja*
Ypoyrgeio Ethnikis Oikonomias
Geniki Grammateia Diethnon Oikonomikon Scheseon
Geniki Diefthynsi Exoterikon Oikonomikon kai Emporikon Scheseon
D/nsi Diadikasion Exoterikoy Emporioy
Mitropoleos 1
GR-10557 Athina
Til.: (301) 323 04 18, 322 84 93
Telefax: (301) 323 43 93

5. *Spanja*
Ministerio de Comercio y Turismo
Dirección General de Comercio Exterior
Paseo de la Castellana no 162
E-28071 Madrid
Tel. (34-1) 349 38 17; 349 37 48
Telefax: (34-1) 563 18 23; 349 38 31

6. *Franza*
Ministère de l'Industrie, des Postes et Télécommunications et du Commerce Extérieur
Service des Biens de Consommation (SERBCO)
Mission Textile - Importations
3/5 rue Barbet de Jouy
F-75353 Paris 07 SP
Tél: (33-1) 43 19 36 36
Fax (33-1) 43 19 36 74
Télex: 204 472 SERBCO

7. *l-Irlanda*
Dipartiment tat-Turiżmu u l-Kummerċ
Unità Suq Wieħed (Kamra 315)
Kildare Street
IRL- Dublin 2
Tel. (353-1) 662 14 44
Fax (353-1) 676 61 54

8. *l-Italia*
Ministero del Commercio con l'Estero
Direzione Generale delle Importazioni e delle Esportazioni
Viale America 341
I-00144 Roma
Tel. (39-6) 59 931
Fax (39-6) 59 93 26 31 - 59 93 22 35
Telex 610083 - 610471 - 614478

9. *Il-Lussemburgu*
Ministère des affaires étrangères
Office des licences
Boîte postale 113
L-2011 il-Lussemburgu
Tél.: (352) 22 61 62
Télécopieur: (352) 46 61 38

10. *l-Olanda*
Centrale Dienst voor In- en Uitvoer
Engelse Kamp 2
Postbus 30003
NL-9700 RD Groningen
Tel. (3150) 23 91 11
Fax (3150) 26 06 98

11. *il-Portugall*
Ministério do Comércio e Turismo
Direcçao-Geral do Comércio
Avenida da República 79
P-1000 Lisboa
Tel. (351-1) 793 03 93; 793 30 02
Telecópia: (351-1) 793 22 10; 796 37 23
Telex 13418

12. *Ir-Renju Unit*
Department of Trade and Industry
Import Licencing Branch
Queensway House
West Precinct
Billingham
UK-Cleveland TS23 2NF
Tel. (44 642) 36 43 33; 36 43 34
Fax (44 642) 53 35 57
Telex 58608

13. *l-Awstrija*
Bundesministerium fuer wirtschaftliche Angelegenheiten
Grupe II A
Landstrasser Hauptstr. 55/57
A-1030 Wien
Tel. (43-1) 771 02 362; 771 02 361
Tel. (43-1) 715 83 47

14. *l-Isvezja*
Swedish National Board of Trade (Kommerskollegium)
BOX 1209
S-1182 Stockholm
Tel. (46.8) 791 05 00
Fax (46.8) 20 03 24

15. *is-Suomi*
Tullihallitus
PL 512
FIN-00101 Helsinki
is-Suomi
Tel: (358-0) 61 41/61 42 648
Fax: (358-0) 61 42 764"